MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 125/2006

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Melchior Spiteri, iben Lawrence, imwieled Pieta' fil-15 ta' April, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fis-6 ta' Frar, 2006, għal ħabta tas-7.30 p.m., fil-waqt li kien fid-Divizjoni numru 3 tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS276 Bernard Zahra, bħala persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

b. talli fl-istess data, ħin u lok qal kliem ta’ theddid fil-konfront tal-familja ta’ PS276 Bernard Zahra;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qal kliem oxen, indeċenti u dagħa;
d. talli fl-istess data u ċirkostanżi għamel użu ħażin minn mezzi ta’ telekomunikazzjoni għal għanijiet li ma jkunx ipprovdut għalihom;
e. talli fis-6 ta’ Frar, 2006 għal ħabta tas-2.30 p.m. fil-waqt li kien ħdejn il-kappella li tinsab fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin inġurja jew hedded jew għamel offiza fuq il-persuna ta’ PS276 Bernard Zahra bil-kliem: “Int ma tibżax minni, iżda minn min għandi barra”, bħala ħersuna ta’ wieħed inkarigat skond il-liġi jew minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
f. talli sar reċidiv b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jitħassru.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq indikata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 95, 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ tletin (30) ġurnata detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------